(9)

**SECRET - CABINET PAPERS**

**MINUTI**

**Laqgha tal-Kabinett Nru 41**

**Kastilja, 25 ta' Lulju 1980**

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji u tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija, Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Joe Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |

**Prezenti wkoll:**

Dott C Mifsud Bonnici
Is-Sur Joe Borg
Is-Sur George Agius
Is-Sur George Borg Cardona A/Segretarju

**MINUTI**

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 40.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

PROGRAMM ELETTORALI

Il-Kabinett qabel li kull Ministru:

a) ghandu jifli l-Programm Elettorali u jara x'fadal isir, u, fl-istess hin jaghmel rakkomandazzjonijiet ghal hames snin li gejjin;

b) ghandu jara x'intqal dwar il-Ministeru tieghu fil-Kunsill tal-Partit Nazzjonalista biex ikun preparat iwiegeb meta jkun il-waqt; u

c) ghandu jifli d-decizjonijiet li ttiehdu fil-Konferenzi tal-Partit u tal-Union biex fuqhom jinbena l-programm ghall-gejjieni.

L-ESTIMI TA' L-1981

Il-Prim Ministru qal li ghandu jitfassal programm ghall-Estimi tas-sena d-diehla. Il-Ministru tal-Finanzi qal li diga kien hareg zewg cirkularijiet: wahda biex il-Ministri jaghmlu r-'Revised Estimates' tas-sena korrenti u dan sat-12 ta' Awissu 1980 u l-ohra ghad-'Draft Estimates 1981' sa' l-1 ta' Settembru 1980. Il-Prim Ministru qal li l-Ministri kollha ghandhom jiehdu hsieb li jibghatu l-estimi taghhom fiz-zmien stipulat.

REKLUTAGG MAL-GVERN

Il-Ministri qablu li hemm bzonn li tigi zviluppata sistema ta' reklutagg mal-Gvern minn fost dawk li qed jircievu training siewi taht l-iskemi ta' Haddiem-Student u Pupil-Worker. Per ezempju reklutagg fis-Servizz Civili jista' jsir minn fost dawk il-Haddiema-Studenti li qed jaghmlu korsijiet fl-amministrazzjoni, l-accountancy, ecc., u f'setturi ohra (ezempju Pulizija, Public Works, ecc.) mill-Pupil-Workers fit-Trade Schools u skejjel ohra biex dawn jircievu training u jigu dixxiplinati minn eta zghira.

RE-ORGANISATION (Impjegati tal-Gvern)

Il-Prim Ministru qal li jehtieg li din ir-reorganisation tigi finalizzata malajr. Id-Deputat Prim Ministru qal li diga kien sar hafna xoghol min-naha ta' l-amministrazzjoni filwaqt li l-General Workers' Union kellha taghmel il-proposti

3/...

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

taghha fi zmien qasir. Il-Kabinett qabel li dan l-ezercizzju kellu jitlesta fi zmien qasir u li dan kellu jinkludi incentivi ghal produzzjoni akbar, ghal sieghat ta' xoghol 'extra', ghal xoghol aktar iebes minn normal (per ezempju baqqunier u watchman), ghal ekonomija fin-numru ta' haddiema, ecc.

27/8/80.

........................ Segretarju tal-Kabinett

........................ Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA